C/2024/6340

7.11.2024

P9_TA(2024)0076

Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Frar 2024 dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025 (2023/2082(INI))

(C/2024/6340)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) u l-ġurisprudenza relatata tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB),

— wara li kkunsidra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE),

— wara li kkunsidra s-sentenza tal-QĠUE tal-5 ta' Ġunju 2018 fil-Kawża C-673/16,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul), li ġiet irratifikata mill-Unjoni Ewropea fit-28 ta' Ġunju 2023,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, il-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa, il-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni Razzjali, u l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità,

— wara li kkunsidra l-Prinċipji ta' Yogyakarta u dwar l-applikazzjoni tad-Dritt Internazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fir-rigward tal-Orjentazzjoni Sesswali, l-Identità tal-Ġeneru, l-Espressjoni tal-Ġeneru u l-Karatteristiċi tas-Sess,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Novembru 2020 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025" (COM(2020)0698),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Settembru 2021 dwar id-drittijiet tal-persuni LGBTIQ fl-UE ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport ta' progress tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu 2021 dwar il-proklamazzjoni tal-UE bħala Żona ta' Libertà LGBTIQ ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Settembru 2020 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar id-determinazzjoni ta' riskju ċar ta' ksur gravi tal-istat tad-dritt mir-Repubblika tal-Polonja ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Lulju 2021 dwar ksur tal-liġi tal-UE u tad-drittijiet taċ-ċittadini LGBTIQ fl-Ungerija b'riżultat tal-bidliet legali adottati mill-Parlament Ungeriż ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2022 dwar iż-żieda fir-reati ta' mibegħda kontra persuni LGBTIQ+ fl-Ewropa kollha fid-dawl tal-qtil omofobiku reċenti fis-Slovakkja ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' April 2023 dwar id-dekriminalizzazzjoni universali tal-omosesswalità fid-dawl tal-iżviluppi reċenti fl-Uganda ([6]),

([1]) ĠU C 117, 11.3.2022, p. 2.
([2]) ĠU C 474, 24.11.2021, p. 140.
([3]) Testi adottati, P9_TA(2020)0225.
([4]) Testi adottati, P9_TA(2021)0362.
([5]) Testi adottati, P9_TA(2022)0372.
([6]) Testi adottati, P9_TA(2023)0120.

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-7 ta' Diċembru 2022 għal Regolament tal-Kunsill dwar il-ġuriżdizzjoni, id-dritt applikabbli, ir-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi fi kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur (COM(2022)0695),

— wara li kkunsidra l-istudju tad-Direttorat Ġenerali għas-Servizzi ta' Riċerka Parlamentari tiegħu ta' Diċembru 2023 bit-titolu "The 2020-2025 LGBTIQ Equality Strategy – Implementation overview" (L-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ għall-2020-2025– Ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni) ([7]),

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE għall-Istrateġiji u l-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-UE biex Tissaħħaħ l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ imħejjija mill-Kummissjoni fl-2022,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/442 tal-24 ta' Jannar 2024 dwar it-talba għar-reġistrazzjoni, skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata "Projbizzjoni ta' prattiki ta' konverżjoni fl-Unjoni Ewropea" ([8]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, kif ukoll l-Artikolu 1(1)(e) u l-Anness 3 tad-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tat-12 ta' Diċembru 2002 dwar il-proċedura għall-għoti ta' awtorizzazzjoni għat-tħejjija ta' rapporti fuq inizjattiva proprja,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0030/2024),

A. billi d-drittijiet tal-LGBTIQ+ huma drittijiet fundamentali, u s-sistema ta' kontrokontrolli fir-rigward tal-istat tad-dritt u d-demokrazija huma kruċjali għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-LGBTIQ; billi s-sikurezza u d-dinjità tal-persuni LGBTIQ+ hija s-sikurezza u d-dinjità tagħna lkoll;

B. billi d-dritt għal trattament ugwali u għan-nondiskriminazzjoni huwa dritt fundamentali minqux fit-Trattati u fil-Karta u għandu jiġi rispettat bis-sħiħ;

C. billi l-ugwaljanza u l-protezzjoni tal-minorenni huma fost il-valuri tal-UE minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE;

D. billi l-Artikolu 21 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jistabbilixxi li kull ċittadin tal-Unjoni għandu d-dritt li jmur minn post għal ieħor u li joqgħod liberament fit-territorju tal-Istati Membri;

E. billi l-Istati Membri kollha impenjaw ruħhom li jonoraw l-obbligi u d-dmirijiet skont id-dritt internazzjonali u t-Trattati tal-UE li jirrispettaw, jiggarantixxu, jipproteġu u jissodisfaw id-drittijiet fundamentali;

F. billi sar progress fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+ f'xi Stati Membri;

G. billi d-diskriminazzjoni abbażi ta' orjentazzjoni sesswali, l-identità u l-espressjoni tal-ġeneru, u l-karatteristiċi tas-sess (SOGIESC), reali jew perċepiti, tippersisti madwar l-UE;

H. billi żviluppi f'xi Stati Membri wrew li l-progress fir-rigward tad-drittijiet tal-LGBTIQ+ ma jistax jittieħed bħala fatt;

I. billi fl-2022, il-Kummissjoni Ewropea flimkien mal-Parlament u 15-il Stat Membru, irreferiet lill-Ungerija għall-QĠUE minħabba ksur tad-drittijiet tal-LGBTIQ;

J. billi l-Latvja għandha tingħaqad mas-Sottogrupp dwar l-Ugwaljanza LGBTIQ imwaqqaf fl-ambitu tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar in-Nondiskriminazzjoni, l-Ugwaljanza u d-Diversità – bħala l-aħħar Stat Membru li jagħmel dan wara li reċentement Ċipru esprima l-interess tiegħu – bil-għan li ssaħħaħ l-implimentazzjoni tal-istrateġija LGBTIQ fl-Istati Membri kollha;

K. billi l-Parlament jikkundanna, bl-aktar termini qawwijin, il-liġijiet, il-politiki u l-prattiki diskriminatorji kontra l-persuni LGBTIQ+, bħall-"Abbozz Kontra l-Omosesswalità" fl-Uganda;

L. billi fit-30 ta' Novembru 2023 il-Qorti Suprema tar-Russja pprojbixxiet il-"moviment LGBT internazzjonali" billi ddikjarat li huwa organizzazzjoni estremista; billi din id-deċiżjoni hija attakk serju kontra l-persuni LGBTIQ+ u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem tal-LGBTIQ+ fir-Russja u se jkollha impatt serju fuq is-sitwazzjoni tagħhom; billi l-persuni LGBTIQ+ fiċ-Ċina esperjenzaw żieda fil-fastidju u ċ-ċensura, inkluż online;

M. billi r-Rieżami Annwali tal-2023 tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Persuni Leżbjani, Gay, Bissesswali, Transġeneri u Intersesswali ddokumenta l-akbar numru ta' każijiet ta' vjolenza kontra persuni LGBTIQ+ fi 12-il sena;

([7]) Studju – "The 2020-2025 LGBTIQ Equality Strategy – Implementation overview"(L-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ għall-2020-2025 – Ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni), Il-Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għas-Servizzi ta' Riċerka Parlamentari, 2023.

([8]) ĠU L, 2024/442, 05.02.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/442/oj.

N. billi ż-żieda fir-retorika kontra d-drittijiet, inkluż minn politiċi eletti, ikkontribwiet għall-ħolqien ta' ambjent ostili għal persuni LGBTIQ+ u dawk li jippromwovu d-drittijiet tal-LGBTIQ+;

O. billi l-bini ta' soċjetajiet sikuri, ħielsa u inklużivi għall-persuni LGBTIQ+ jimplika l-indirizzar ta' manifestazzjonijiet multipli u intersezzjonali ta' diskriminazzjoni, esklużjoni u vjolenza;

P. billi l-persuni LGBTIQ+ jiffaċċjaw diskriminazzjoni u vjolenza madwar id-dinja;

Q. billi l-Unjoni Ewropea impenjat ruħha biex tippromwovi u tipproteġi d-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+ madwar id-dinja;

R. billi l-forom u l-manifestazzjonijiet kollha ta' mibegħda u intolleranza, inklużi d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda, huma inkompatibbli mal-valuri tal-Unjoni tad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, kif minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE;

S. billi l-hekk imsejħa "prattiki ta konverżjoni" jistgħu jibbażaw fuq metodi differenti bħal xokkijiet elettriċi, it-teħid ta' ormoni jew riti ta' eżorċiżmu li jsarrfu f'prattiki ta' tortura; u huwa stmat li 2 % tal-persuni LGBTIQ+ fl-UE fil-fatt ġew sottomessi għal tali "prattiki ta' konverżjoni" u 5 % minnhom ġew offruti konverżjoni, għalkemm iċ-ċifri reali jistgħu jkunu ferm ogħla;

T. billi l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej (IĊE) bit-titolu "Projbizzjoni fuq il-prattiki ta' konverżjoni fl-Unjoni Ewropea" ġiet ippreżentata lill-Kummissjoni fis-27 ta' Novembru 2023; billi titlob lill-UE tieħu azzjoni biex tipproponi projbizzjoni legali vinkolanti fuq il-prattiki ta' konverżjoni mmirati lejn iċ-ċittadini LGBTIQ + fl-Unjoni Ewropea; billi l-Kummissjoni rreġistrat bis-sħiħ din l-IĊE fil-21 ta' Jannar 2024;

Konklużjonijiet prinċipali

1. Jilqa' l-Istrateġija tal-Kummissjoni dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025 adottata mill-Kummissjoni Ewropea fit-12 ta' Novembru 2020 (COM(2020)0698) u r-Rapport ta' Progress reċenti tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija; jinnota l-impenn tal-Kummissjoni Ewropea li tappoġġja lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tagħhom tal-Istrateġija, u jesprimi tħassib kbir dwar id-disparitajiet fil-ftuħ għall-Istrateġija bejn l-Istati Membri; jilqa' l-isforzi mill-Kummissjoni Ewropea biex tippromwovi l-ugwaljanza għall-persuni LGBTIQ+ fl-oqsma kollha inklużi fl-Istrateġija; jesprimi dispjaċir għall-fatt li ċerti azzjonijiet ewlenin previsti mill-Kummissjoni s'issa għadhom ma ġewx implimentati;

2. Jirrikonoxxi l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025 filwaqt li jisħaq li l-ugwaljanza reali għall-persuni LGBTIQ+ fl-UE għadha 'l bogħod ħafna mir-realtà attwali; jesprimi tħassib dwar id-diskriminazzjoni u l-vjolenza mġarrba mill-persuni LGBTIQ+ fl-UE u l-konsegwenzi tagħhom għat-tgawdija sħiħa ta' ħajjiet ħielsa u dinjitużi;

3. Jiddeplora l-fatt li d-direttiva orizzontali kontra d-diskriminazzjoni ilha mblukkata fil-Kunsill mill-2008; iqis li kwalunkwe aġġornament għal din il-proposta mill-Kummissjoni jrid jibni fuq il-pożizzjoni tal-Parlament, jindirizza d-diskriminazzjoni intersezzjonali u jipprojbixxi espliċitament id-diskriminazzjoni minħabba kwalunkwe kombinazzjoni ta' raġunijiet elenkati fil-Karta; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Kunsill injora dawn it-talbiet u jħeġġeġ lill-Kunsill biex jintegrahom fil-mandat tiegħu u jieħu l-azzjonijiet xierqa kollha ħalli jiġġieled id-diskriminazzjoni fl-UE;

4. Jitlob li jiġu inklużi r-raġunijiet kollha ta' orjentazzjoni sesswali, identità tal-ġeneru, espressjoni tal-ġeneru u karatteristiċi tas-sess fil-leġiżlazzjoni tal-UE kontra d-diskriminazzjoni, abbażi ta' interpretazzjoni wiesgħa tar-raġunijiet ta' orjentazzjoni sesswali u sess u l-prinċipju ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel stabbilit fit-Trattati; jinnota li dan se jiżgura ċertezza tad-dritt u komprensività tal-protezzjoni tal-persuni LGBTIQ+;

5. Jissottolinja li l-persuni LGBTIQ+ huma affettwati b'mod sproporzjonat minn kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar, faqar u esklużjoni soċjoekonomika; jesprimi tħassib dwar l-effetti tal-pandemija tal-COVID-19 u l-kriżi tal-għoli tal-ħajja u tal-akkomodazzjoni fuq ħajjet il-persuni LGBTIQ+; itenni li l-akkomodazzjoni hija dritt fundamentali;

6. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li minkejja l-leġiżlazzjoni tal-UE li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali fl-impjiegi u l-okkupazzjoni, il-persuni LGBTIQ+ għadhom jiffaċċjaw ostakli biex isibu impjiegi, b'mod partikolari xogħol deċenti; jesprimi l-fehma li d-drittijiet tal-LGBTIQ+ huma drittijiet tal-ħaddiema;

7. Jissottolinja li d-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru u s-sess, reali jew perċepiti, għad għandha impatt sinifikanti fuq is-saħħa fiżika, mentali u sesswali tal-persuni LGBTIQ+ kif ukoll fuq il-benesseri tagħhom; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-persuni LGBTIQ+ għadhom qed jiffaċċjaw diskriminazzjoni fl-aċċess għall-kura tas-saħħa; jissottolinja li l-aċċess għall-kura tas-saħħa għandu jiġi offrut bħala servizz pubbliku universali, f'waqtu u aċċessibbli;

8. Jenfasizza l-ħtieġa ta' edukazzjoni inklużiva u sikura għall-persuni LGBTIQ+ fl-Istati Membri kollha, speċjalment għaż-żgħażagħ LGBTIQ+;

9. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-persuni LGBTIQ+ għadhom jiffaċċjaw diskriminazzjoni f'xi Stati Membri b'rabta mal-aċċess għall-protezzjoni soċjali, is-sigurtà soċjali, aċċess għall-provvista ta' oġġetti u setturi jew servizzi oħrajn;

10. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-persuni LGBTIQ+ aktar avvanzati fl-età huma partikolarment affettwati min-nuqqas ta' drittijiet LGBTIQ+, li jkompli jaggrava s-sensazzjoni ta' iżolament u ostakli soċjali fl-aċċess għal servizzi essenzjali; jenfasizza li l-popolazzjoni LGBTIQ+ aktar avvanzata fl-età spiss ma tiġix ikkunsidrata fit-tfassil ta' politiki u proġetti pubbliċi, inkluż dawk imfassla apposta għall-persuni LGBTIQ+; jissottolinja li l-popolazzjoni LGBTIQ+ aktar avvanzata fl-età hija affettwata b'mod sproporzjonat mill-faqar u min-nuqqas ta' aċċess għal akkomodazzjoni deċenti u networks ta' kura adegwata; jissottolinja li Żona ta' Libertà LGBTIQ Ewropea ma tista' tħalli lil ħadd jibqa' lura;

11. Jisħaq li s-servizzi tal-kura għal persuni LGBTIQ+ jridu dejjem jiżguraw id-dinjità, l-indipendenza, l-awtonomija, il-benesseri u l-parteċipazzjoni fil-ħajja soċjali ta' dawk li qed jirċevuhom, inkluż il-possibbiltà ta' kura fid-dar u servizzi bbażati fil-komunità;

12. Jinnota li l-persuni LGBTIQ+ f'reġjuni rurali, periferali u ultraperiferiċi jiffaċċjaw sfidi u ostakli partikolari fl-aċċess tagħhom għal servizzi essenzjali;

13. Jesprimi tħassib serju dwar il-persuni LGBTIQ+ li jeħtieġu jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jitolbu asil fl-Unjoni Ewropea; jesprimi tħassib li l-persuni transġeneri u intersesswali jiffaċċjaw ostakli addizzjonali fil-proċess tal-applikazzjoni għall-asil; jissottolinja l-importanza li meta titfassal il-politika dwar l-asil u l-migrazzjoni tal-Unjoni titqies is-sitwazzjoni tal-persuni LGBTIQ+;

14. Jesprimi tħassib serju dwar iż-żieda fid-diskors ta' mibegħda, ir-reati ta' mibegħda u l-vjolenza kontra l-persuni LGBTIQ+, inkluż fi pjattaformi online, fejn dan jista' jwassal għall-ksur tad-drittijiet tal-privatezza tal-ispettaturi ta' kontenut LGBTIQ+; ifakkar fil-ħtieġa ta' politika pubblika preventiva u protettiva rigward diskors ta' mibegħda, reati ta' mibegħda u vjolenza motivati mill-preġudizzju kontra l-persuni LGBTIQ+; jirrikonoxxi li hemm sottorappurtar ta' każijiet ta' diskors u reati ta' mibegħda kontra l-persuni LGBTIQ+, minħabba nuqqas ta' fiduċja u serħan tal-moħħ fl-awtoritajiet pubbliċi biex jindirizzaw tali reati;

15. Jikkundanna l-fatt li l-qawmien tal-forzi politiċi tal-lemin estrem immotiva żieda fl-istigmatizzazzjoni, il-fastidju, il-vjolenza u l-persekuzzjoni tal-persuni LGBTIQ+ u ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u attivisti LGBTIQ+; jikkundanna l-fatt li kulma jmur qiegħda tintefa' dejjem aktar ħtija fuq il-komunità LGBTIQ+ u l-promozzjoni tad-drittijiet LGBTIQ+ qed tiġi ttimbrata bħala "ideoloġija";

16. Jissottolinja l-ħtieġa li l-UE tindirizza s-sitwazzjoni tal-persuni LGBTIQ+ fin-negozjati formali mal-pajjiżi kandidati u li tappoġġja lill-pajjiżi kandidati kollha biex jeliminaw il-lakuni leġiżlattivi u jiżguraw id-drittijiet fundamentali tal-persuni LGBTIQ+;

17. Jinsisti li huwa meħtieġ li l-UE tieħu approċċ komuni fir-rigward tar-rikonoxximent legali ta' żwiġijiet u sħubijiet bejn persuni tal-istess sess, u ta' familji qawsalla, inkluż ta' ġenituri transġeneri, u fir-rigward tar-rikonoxximent legali tal-ġeneru, biex jiġu żgurati l-aħjar interessi tat-tfal f'konformità mal-ġurisprudenza tal-QĠUE u tal-QEDB;

18. Jenfasizza l-isfidi li jiffaċċjaw il-persuni transġeneri, mhux binarji u intersesswali fl-UE, b'mod partikolari fir-rigward tal-istatus soċjoekonomiku u soċjodemografiku tagħhom; jissottolinja kif in-nuqqas ta' proċeduri legali tar-rikonoxximent tal-ġeneru jew l-ostakli għall-aċċess għalihom fl-Istati Membri jiksru d-drittijiet u jxekklu l-aspirazzjonijiet tal-persuni transġeneri, mhux binarji u intersesswali madwar l-Unjoni;

19. Jinsisti li l-familji qawsalla għandhom id-dritt għal moviment liberu fl-UE, u li ma għandux ikun hemm diskriminazzjoni kontra t-tfal tal-familji qawsalla fir-rigward tal-ksib taċ-ċittadinanza tal-UE;

20. Jesprimi tħassib li t-teknoloġija tar-rikonoxximent tal-wiċċ u t-tfassil ta' profil tista' toħloq riskji akbar għall-persuni LGBTIQ+, b'mod partikolari għall-persuni transġeneri, mhux binarji u intersesswali;

21. Jesprimi dispjaċir għan-nuqqas ta' perspettiva koeżiva tal-finanzjament tal-UE għall-ugwaljanza tal-LGBTIQ+ fl-ambitu tal-programmi differenti li jappoġġjaw l-Istrateġija;

22. Jenfasizza l-urġenza li l-Kummissjoni tiżgura l-aċċess għall-finanzjament mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ) li qed jaħdmu għad-drittijiet tal-bniedem tal-persuni LGBTIQ+ fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi; jinnota li finanzjament adegwat u flessibbli għall-OSĊ li jippromwovu d-drittijiet tal-LGBTIQ+ huwa kundizzjoni abilitanti essenzjali għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet LGBTIQ+, fl-Unjoni Ewropea u f'pajjiżi terzi;

23. Jilqa' l-inizjattivi tal-UE maħsuba għall-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem tal-LGBTIQ+ u għall-iffaċilitar tal-ħidma tagħhom biex jiddefendu d-drittijiet fundamentali; jenfasizza l-ħtieġa li l-UE tkompli tindirizza l-istigmatizzazzjoni, l-intimidazzjoni, il-fastidju tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem tal-LGBTIQ+ madwar id-dinja; jilqa' l-appoġġ tal-Kummissjoni għall-attivisti LGBTIQ+ fl-Ukrajna, speċjalment permezz tal-modalità "għoti dirett" sa mill-bidu tal-invażjoni u l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna;

24. Ifakkar li l-għajnuna umanitarja tal-UE għandha tkun sensittiva għall-ġeneru, għall-età, għall-protezzjoni u għal-LGBTIQ+, filwaqt li tikkunsidra l-intersezzjonalità bħala prinċipju trażversali, u konformi mal-prinċipji umanitarji;

25. Jissottolinja li l-UE jeħtiġilha tara li ħadd ma jitħalla jibqa' lura fil-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali;

Rakkomandazzjonijiet

26. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jiżguraw l-integrazzjoni reali tad-drittijiet LGBTIQ+ fil-politiki kollha tal-UE; jitlob li l-politiki jkopru r-raġunijiet ta' diskriminazzjoni multipla u intersezzjonali li tista' tkun ibbażata, fost raġunijiet oħra, fuq l-istatus soċjoekonomiku, fuq l-età, fuq ir-razza, fuq ir-reliġjon, fuq l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru u l-karatteristiċi tas-sess, reali jew perċepiti, jew fuq id-diżabbiltà; jitlob li l-politiki jqisu l-kuntesti partikolari tar-reġjuni rurali, periferali u ultraperiferiċi;

27. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jinkludu SOGIESC fir-raġunijiet meqjusa fil-leġiżlazzjoni tal-EU kontra d-diskriminazzjoni, f'konformità mal-mandat tal-Parlament dwar il-proposta għal direttiva dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza ([9]);

28. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri jinvolvu persuni LGBTIQ+ fit-tfassil ta' politiki, b'mod partikolari fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' politiki soċjoekonomiċi, tal-akkomodazzjoni u tal-edukazzjoni; jistieden lill-Istati Membri jindirizzaw l-għoli tal-ħajja u l-kriżi tal-akkomodazzjoni, inkluż billi jiddefinixxu miżuri speċifiċi għall-persuni LGBTIQ+;

29. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw id-Direttiva dwar l-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol;

30. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi fi kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur u l-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur biex jiġu protetti d-drittijiet tat-tfal kollha billi jiġi żgurat li r-rabtiet mal-ġenituri tagħhom, inklużi, b'mod partikolari, ġenituri tal-istess sess, stabbiliti fi Stat Membru wieħed jiġu rikonoxxuti fl-Istati Membri kollha tal-UE; jitlob lill-Kummissjoni tesplora l-potenzjal ta' bażijiet legali oħrajn fit-Trattati, b'mod partikolari l-Artikoli 19 u 21 tat-TFUE, biex tiżgura li ż-żwiġijiet, is-sħubijiet, il-paternità u l-ħajja tal-familja ta' persuni LGBTIQ+ tiġi rikonoxxuta bis-sħiħ u b'mod inkundizzjonali mill-Istati Membri kollha mingħajr diskriminazzjoni u ostakli għall-moviment ħieles;

31. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Lulju 2021 li tibda azzjoni legali kontra l-Istati Membri għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tal-persuni LGBTIQ+; jistieden lill-Kummissjoni tkompli timmonitorja mill-qrib l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE fl-Istati Membri u tniedi proċeduri ta' ksur f'każijiet li fihom ikunu nkisru d-drittijiet fundamentali tal-persuni LGBTIQ+, fl-ambitu tal-Artikolu 2 tat-TUE, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jew leġiżlazzjoni sekondarja, meta applikabbli; jistieden lill-Kummissjoni biex b'mod sistematiku jkollha rikors għal proċeduri mħaffa u l-applikazzjonijiet għal miżuri temporanji quddiem il-QĠUE;

32. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-Istati Membri jikkonformaw mas-sentenzi tal-QĠUE u tal-QEDB, billi tindirizza każijiet ta' nuqqas ta' konformità bl-użu tal-azzjonijiet taħt l-Artikolu 260(2) tat-TFUE u r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt, b'mod partikolari dwar il-persuni LGBTIQ+ u l-familji qawsalla li jaqsmu l-fruntieri fl-UE;

([9]) Il-proposta tal-Kummissjoni tas-7 ta' Diċembru 2022 għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza fil-qasam tat-trattament ugwali u l-opportunitajiet indaqs bejn in-nisa u l-irġiel fi kwistjonijiet ta' impjieg u xogħol, u li tħassar l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2006/54/KE u l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2010/41/UE (COM(2022)0688).

33. Jistieden lill-Istati Membri kollha jaderixxu mal-Linji Gwida għall-Istrateġiji u l-Pjanijiet ta' Azzjoni biex Tissaħħaħ l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ ([10]) kif imħejjija mis-Sottogrupp dwar l-Ugwaljanza LGBTIQ;

34. Jistieden lill-Istati Membri jestendu l-kopertura tas-servizzi tal-kura tas-saħħa, filwaqt li jħallu lill-persuni LGBTIQ+ ifittxu kura speċifika, inkluż għas-saħħa u t-teknoloġiji sesswali u riproduttivi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw miżuri biex jiġġieldu kontra d-diskriminazzjoni fil-konfront tal-persuni LGBTIQ+ fis-settur tas-saħħa;

35. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu finanzjament akbar għall-għoti ta' servizzi għall-vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u appoġġjaw lill-vittmi LGBTIQ+, b'mod partikolari lin-nisa LGBTIQ+, u jindirizzaw il-ħtiġijiet u l-esperjenzi speċifiċi tagħhom;

36. Ifakkar fil-ħtieġa li jiġi żgurat li t-teknoloġiji tar-rikonoxximent tal-wiċċ u tat-tfassil ta' profili jkunu ggwidati mill-prinċipji tat-trasparenza, l-ispjegabbiltà, il-ġustizzja, u l-obbligu ta' rendikont sabiex jiġu indirizzati l-preġudizzji u r-riskji maħluqa għall-persuni LGBTIQ+;

37. Jistieden lill-UE tagħti aċċess għall-ażil lill-persuni LGBTIQ+, inkluż dawk minn pajjiżi terzi kklassifikati bħala pajjiżi sikuri;

38. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura appoġġ għall-ugwaljanza tal-LGBTIQ+ fl-azzjoni fl-ambitu tal-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, kif imħabbar fl-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025, u tinkludi tali appoġġ fil-Programm ta' Ħidma 2023-2025;

39. Jistieden lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA) tiffinalizza malajr il-gwida prattika tagħha dwar l-applikanti b'SOGIESC u lill-Istati Membri biex imbagħad jaderixxu ma' din il-gwida;

40. Jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja l-impatti u tiffinanzja lill-OSĊ u lill-proġetti akkademiċi li jinvestigaw il-moviment ta' kontra l-ġeneru, sabiex dan jiġi indirizzat b'mod effettiv;

41. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrikorru għall-għarfien empiriku u sistematiku mibni mill-OSĊ u minn riċerkaturi akkademiċi meta jfasslu politiki u programmi biex jappoġġjaw lill-persuni LGBTIQ+ fl-Ewropa u madwar id-dinja;

42. Jitlob lill-Unjoni u lill-Istati Membri jirrikonoxxu l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru u l-karatteristiċi tas-sess, reali jew perċepiti, bħala motivazzjonijiet tal-preġudizzju; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw id-diskors ta' mibegħda, ir-reati ta' mibegħda u l-vjolenza motivati minn preġudizzju ta' SOGIESC, inkluż online; jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li testendi l-lista ta' reati tal-UE fl-Artikolu 83(1) tat-TFUE biex tinkludi d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda, li tippermetti biex jiġu stabbiliti regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u s-sanzjonijiet applikabbli fl-Istati Membri kollha tal-UE; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata risposta soda mid-dritt kriminali tal-UE għad-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda; jiddispjaċih ħafna li għaddew kważi sentejn mill-pubblikazzjoni tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni u li l-Kunsill ma għamel l-ebda progress dwarha, minkejja li seta' jespandi malajr il-lista ta' reati tal-UE għal skopijiet oħra; jiddispjaċih dwar dan in-nuqqas ta' azzjoni fid-dawl taż-żieda fid-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda; itenni t-talba tiegħu lill-Kunsill biex jaħdem b'mod diliġenti lejn kunsens sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tibda t-tieni stadju tal-proċedura;

43. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tmexxi "l quddiem programm ta' ħidma biex tqajjem kuxjenza u tħeġġeġ ir-rappurtar ta' reati ta' mibegħda motivati minn preġudizzju għal SOGIESC; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-uffiċjali tal-pulizija u ġudizzjarji jirċievu taħriġ dwar kwistjonijiet marbuta mal-LGBTIQ+, biex jappoġġjaw aħjar lill-persuni LGBTIQ+ u jinvestigaw kif xieraq u jressqu każijiet ta' reati ta' mibegħda;

44. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora qafas legali tal-UE u r-rotot possibbli li jistgħu jittieħdu biex jiġu miġġielda u pprojbiti l-prattiki ta' konverżjoni fil-livell tal-UE, u tagħmel pressjoni fuq l-Istati Membri biex jipprojbixxu "prattiki ta' konverżjoni" minħabba raġunijiet ta' SOGIESC;

([10]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol, (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16).

45. Jilqa', bħala l-ewwel pass, ir-reġistrazzjoni formali tal-Kummissjoni tal-IĊE bit-titolu "Projbizzjoni fuq il-prattiki ta' konverżjoni fl-Unjoni Ewropea", peress li b'dan qed jiġu rikonoxxuti r-raġunijiet legali fil-livell Ewropew biex tittieħed azzjoni dwar din il-kwistjoni; jesprimi l-appoġġ tiegħu għal din l-IĊE; jistieden lill-Kummissjoni taġixxi fuqha u tipproponi atti legali bbażati fuq it-Trattati u r-Regolament dwar l-IĊE ([11]);

46. Jappella għal projbizzjoni fuq il-mutilazzjoni ġenitali, b'mod partikolari l-mutilazzjoni ġenitali intersesswali u l-mutilazzjoni ġenitali femminili;

47. Jistieden lill-Istati Membri jkomplu bl-iskambju tal-aħjar prattiki dwar is-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali tat-tfal intersesswali;

48. Jappella għal projbizzjoni fuq aborti furzati u fuq sterilizzazzjonijiet furzati; jissottolinja l-importanza tad-dritt għall-awtodeterminazzjoni, l-awtonomija u tas-saħħa fiżika u mentali tal-persuni LGBTIQ+; jissottolinja li l-pożizzjoni tal-Parlament dwar il-proposta għal direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika tinkludi ż-żieda ta' mutilazzjoni ġenitali femminili, mutilizzazzjoni ġenitali intersesswali u sterilizzazzjoni furzata mal-lista tal-UE ta' reati kriminali;

49. Jistieden lill-Istati Membri jirrikonoxxu ż-żwieġ u l-paternità ta' koppji tal-istess ġeneru għall-finijiet ta' eżerċitar tad-drittijiet derivati mid-dritt tal-UE, kif titlob il-QĠUE;

50. Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu leġiżlazzjoni u proċeduri aċċessibbli għar-rikonoxximent legali tal-ġeneru, bl-appoġġ tal-Kummissjoni;

51. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu ambjenti sikuri u inklużivi fis-setturi tal-edukazzjoni, tal-kultura u tal-isports kif ukoll setturi oħrajn;

52. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu passi ulterjuri biex jiggarantixxu d-drittijiet ugwali għall-persuni LGBTIQ+ b'diżabbiltajiet, permezz ta' protezzjonijiet espliċiti minn diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru li huma meħtieġa fl-oqsma kollha tal-ħajja inkluż l-impjieg, l-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni, l-akkomodazzjonijiet pubbliċi, u l-kreditu;

53. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw ir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-Perkorsi għas-Suċċess fl-Iskola, u speċjalment biex jinkludu miżuri kontra d-diskriminazzjoni tal-persuni LGBTIQ+, b'mod partikolari ż-żgħażagħ LGBTIQ +, biex jiżguraw edukazzjoni sikura u inklużiva;

54. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-miżuri biex jindirizzaw il-bullying u l-fastidju ta' tfal u żgħażagħ LGBTIQ+ fl-iskejjel u jrawmu kuxjenza dwar dawk il-każijiet; jissottolinja li tali sitwazzjonijiet jikkontribwixxu għall-esklużjoni soċjali;

55. Jistieden lill-Kummissjoni twessa' l-finanzjament tal-Erasmus+ fl-ambitu tat-tema "Il-promozzjoni tal-ugwaljanza tal-LGBTIQ+" permezz ta' sforzi attivi ta' komunikazzjoni f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali;

56. Jitlob lill-UE biex tkun ta' eżempju u tassumi rwol ta' tmexxija f'dak li jirrigwarda l-promozzjoni tad-drittijiet tal-LGBTIQ+ madwar id-dinja, f'konformità mal-linji gwida dwar id-drittijiet tal-bniedem rigward in-nondiskriminazzjoni fl-azzjoni esterna;

57. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi Rappreżentant Speċjali għall-Ugwaljanza tal-LGBTIQ+ fis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna bil-għan li tiżgura implimentazzjoni orizzontali tal-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025 barra mill-Ewropa;

58. Jesprimi tħassib dwar l-istat tad-drittijiet tal-LGBTIQ+ madwar id-dinja; jistieden lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) jużaw il-politika tal-iżvilupp bħala għodda biex jinfurzaw ir-riformi fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, jindirizzaw ix-xkiel fir-rikonoxximent u l-protezzjoni ta' dawn id-drittijiet u jiżguraw id-drittijiet għall-persuni LGBTIQ+;

59. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li persuni LGBTIQ+ jingħataw appoġġ bħala parti minn strumenti baġitarji u ta' finanzjament, kif ukoll ta' programmi ta' għajnuna għall-iżvilupp aktar wiesgħa;

([11]) Ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej (ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55).

60. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-pajjiżi kandidati u lil pajjiżi kandidati potenzjali fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE, inkluż fil-qasam tad-drittijiet LGBTIQ+, u timmonitorja l-progress tagħhom;

61. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli ttejjeb il-possibbiltà tal-għoti mill-ġdid u l-provvista ta' finanzjament flessibbli, biex tippermetti lil difensuri tad-drittijiet tal-bniedem żgħar u komunitarji kif ukoll atturi oħrajn tas-soċjetà ċivili li jaħdmu favur il-promozzjoni tad-drittijiet LGBTIQ+ biex jaċċessaw tali finanzjament, fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi, f'konformità mad-dritt tal-UE;

62. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli ttejjeb il-komunikazzjoni tagħha dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament biex tippromwovi l-ugwaljanza tal-LGBTIQ+, b'mod partikolari fl-Istati Membri fejn l-ugwaljanza ffaċċjat xkiel;

63. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-Istati Membri jimmaniġġjaw il-fondi tal-UE f'konformità mal-Karta, bl-inklużjoni tad-dritt għan-nondiskriminazzjoni, kif meħtieġ minn "kundizzjoni abilitanti" orizzontali fl-ambitu tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni ([12]) (RDK); jisħaq li ebda spiża ma tista' tiġi rimborżata mill-Kummissjoni sakemm ma jiġux issodisfati l-kundizzjonijiet abilitanti applikabbli;

64. Jistieden lill-UE tkompli tindirizza l-istigmatizzazzjoni u l-fastidju tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem (DDB) tal-LGBTIQ+ u tipproteġi lid-DDB f'pajjiżi terzi; iħeġġeġ lill-UE testendi tali mekkaniżmi għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fl-UE, li jippermettu li jiġu protetti d-DDB tal-LGBTIQ+ fl-Istati Membri;

65. Iħeġġeġ lill-UE testendi dawn il-protezzjonijiet għad-DDB fl-Istati Membri tal-UE;

66. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-ġbir tad-data dwar id-diskriminazzjoni abbażi ta' SOGIESC u tuża din id-data biex tagħmel politiki pubbliċi inklużivi li jkunu mfassla apposta għall-persuni LGBTIQ+ u tappoġġja lill-Istati Membri fl-użu ta' din id-data;

67. Jistieden lill-Istati Membri kollha jagħmlu awtovalutazzjoni tal-progress tagħhom fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija LGBTIQ+ u jikkondividu r-riżultati tagħhom mal-Kummissjoni u mal-Parlament;

68. Jistieden lill-Istati Membri kollha jadottaw pjanijiet ta' azzjoni u strateġiji nazzjonali dwar l-LGBTIQ+ sal-2025;

69. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tfassal Strateġija ġdida dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ+ għall-2025-2030, abbażi ta' impenji b'saħħithom, li tirrifletti l-Karta, is-sejħiet u l-aspettattivi tal-Parlament Ewropew, tal-OSĊ u tal-persuni LGBTIQ + fl-Ewropa u madwar id-dinja; jitlob lill-Kummissjoni tikkomunika skeda ta' żmien għall-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ+ li jmiss qabel l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew tal-2024;

70. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ+ li jmiss tkun xprunata minn strument aktar robust, akkumpanjat minn pjan ta' implimentazzjoni orjentat lejn miri, struttura b'saħħitha ta' integrazzjoni li tiżgura li d-drittijiet LGBTIQ+ huma integrati fil-politiki tal-UE kollha bl-inklużjoni tar-raġunijiet kollha ta' orjentazzjoni sesswali, identità tal-ġeneru, espressjoni tal-ġeneru u karatteristiċi tas-sess, u allokazzjoni tar-riżorsi; u biex tinkludi skeda ta' żmien u stadji importanti, filwaqt li tiżgura l-proċessi tal-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, l-obbligu ta' rendikont, u t-tagħlim, inkluża l-konsultazzjoni tal-organizzazzjonijiet LGBTIQ+; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari lil gruppi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, bħal tfal u żgħażagħ LGBTIQ+;

71. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura portafoll għal Kummissarju għall-Ugwaljanza u d-Diversità fil-mandat li jmiss;

([12]) Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi, (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

72. Iħeġġeġ l-introduzzjoni ta' koordinatur tad-drittijiet LGBTIQ+ fil-Kummissjoni Ewropea;

°
° °

73. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-pajjiżi kandidati, u lill-parlamenti sottonazzjonali u lill-awtoritajiet lokali tal-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati.